

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 5(1) u (4) TUE, sa fejn ġie adottat att li jmur lil hinn minn dak li huwa neċċesarju sabiex jilħaq l-għan tiegħu.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21).

### Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2018 – Cortina u FLA Europe vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-127/18)

(2018/C 142/84)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Cortina (Oudenaarde, il-Belġju) u FLA Europe (Oudenaarde) (rappreżentanti: S. De Knop, B. Natens u A. Willems, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara ir-rikors ammissibbli;
- tannulla r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2232 tal-4 ta' Diċembru 2017 li jerġa' jimponi dazju antidumping definitiv u jiġbor b'mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ġertu żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Vjetnam u li huma prodotti minn ġerti proddutti esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fil-Vjetnam u li jimplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-659/13 u C-34/14, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 5(1) u (2) TUE minħabba l-assenza ta' bażi legal tar-regolament ikkонтestat u, sussidjarjament, fuq ksur tal-prinċipju tal-bilanċi istituzzjonali sanċit fl-Artikolu 13(2) TUE.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 226 TFUE, minħabba n-nuqqas ta' adozzjoni tal-miżuri neċċesarji sabiex tiġi eżegwita s-sentenza tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International (C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74).
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 5(1) u (4) TUE, sa fejn ġie adottat att li jmur lil hinn minn dak li huwa neċċesarju sabiex jilħaq l-għan tiegħu.

---

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2018 – IQ Group Holdings Berhad vs EUIPO – Krinner Innovation (Lumiqs)

(Kawża T-133/18)

(2018/C 142/85)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: IQ Group Holdings Berhad (Heckmondwike, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Carter, avukat)